# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tlieta 3 ta' Jannar 2023

**Rik. Nru. 880/2022 ISB**

**Egames Bond Limited** (C-92032)

vs

**L-Av. Dr Tanya Sammut u l-Prokuratur Legali Melissa Mary Victoria Anastasi** li b'digriet tat-29 ta' Novembru 2022 nhatru bhala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil **Computools LLC**, kumpannija registrata f'Delaware l-Amerika b'numru ta' registrazzjoni 617172

**U**

**One Set Plan AB** socjeta' estera registrata fl-Isvezja b'numru ta' registrazzjoni 559252-9688

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Egames Bond Limited** (C-92032), li permezz tieghu wara li ppremettet dak hemmek premess, talbet sabiex:

1. *Tipprojbixxi lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, fuq bażi provvizorja u taħt sanzjoni ta' penali raġjonevoli għal kwalunkwe każ*

*ta' ksur ta' tali ordni milli jippersistu b'kwalunkwe att ta' ksur tad-drittijiet ta' propjeta intelletwali tas-soċjeta rikorrenti fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur tagħha fix-xogħol litterarju, konsistenti fi kwalunkwe użu korrenti fil-kors tal-kummerċ tas-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, tax-xogħol litterarju li qiegħed jiġi distribwit u mibjugħ, u tordna fil-konfront tas-soċjetajiet intimati, prevenżjoni ta' kwalunkwe ksur ta' l-istess drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta rikorrenti u dan a tenur tal-artikolu 8(1)(a) u billi ukoll tapplika l-artikolu 8(4) tal-Kap 488 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tawtorizza minn issa lis-socjta' rikorrenti sabiex tinnotifika lis-soċjetajiet intimata One Set Plan AB, , bl-eventwali digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' courier;*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' dan ir-rikors, kontra s-soċjetajiet intimati.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** li kienu prezentati mar-rikors.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-socjeta` rikorrent ai termini tal-**Artiklu 8(1) tal-KAP 488** tal-Ligijiet ta' Malta.

**Art. 8(1) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta**

*Kull persuna msemmija fl-artikolu 3 tista' permezz ta'rikors titlob lill-Qorti :*

*(a) toħroġ kontra min ikun qiegħed allegatament jikkommetti l-ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, digriet li jkun intiż biex jipprevjeni kull ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali bħal dak, jew li jipprojbixxi, fuq bażi provviżorja u, fejn ikun adatt, bla ħsara għal ħlas ta' penali li jista' jsir għal diversi drabi fejn ikun hemm provdut dwar dan skont il-liġi, milli jitkompla jseħħ kull tali ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li tagħmel dik it-tkomplija soġġetta għal garanziji li jkunu intiżi biex jiżguraw li jingħata kumpens lid-detentur tad-dritt. Tista' wkoll tinħareġ projbizzjoni interlokutorja,*

*taħt l-istess kondizzjonijiet, kontra kull intermedjarju li jkollu s-servizzi tiegħu qegħdin jiġu użati minn terzi hekk li dawn ikunu jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali;*
*(b) jordna l-qbid jew il-kunsinna tal-oġġetti li jkunu suspettati li qegħdin jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali.*

Il-Qorti qieset u fliet sewwa dan il-provvediment tal-ligi li fuqu hija msejjsa t-talba odjerna.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors u kif ukoll tal-affidavits hawn fuq riferiti u d-dokumenti voluminuzi pprezentati, minn fejn jirrizulta in succint illi :

Illi s-soċjeta rikorrenti kienet ingaġġat lis-soċjeta intimata Computools LLC sabiex tiżviluppa *software* u tipprovdilha servizzi ta' konsulenza u dan skond ftehim li kien sar u li bih (vide klawsola 8.1), is-soċjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja` assoluta b'mod esklużżiv tal-proprjeta' intellettwali konsistenti f'xogħol litterarju, programm tal-*computer,* li ġie żviluppat mis-soċjeta` intimata Computools LLC għal benefiċċju assolut u esklussiv tas-soċjeta' rikorrenti. F'dan ir-rigward is-soċjeta` rikorrenti tagħmel referenza għall-klawżola numru 8.1 tal-Ftehim.

Illi s-socjeta` rikorrenti tikkontendi ghalhekk illi minn qari ta' din il-klawżola ma hemm l-ebda dubju li hija ġiet assenjata kull dritt li jgawdi awtur ta' xogħol fil-mument li l-istess xogħol ġie kkrejat ai termini tal-Kap 415 tal-Liġijiet ta' Malta.

Issa, jirrizulta ukoll illi s-soċjeta rikorrenti, tramite l-entita' affiljata magħha, Nordanvind Investment Ltd. (C-79454), kienet regolarment tħallas lis-soċjeta` intimata Computools LLC għall-iżvilupp tal-istess *software* u dan ai termini tal-ftehim msemmi, u peress li x-xogħol kienu għadu mhux konkluż, fis-sebgħa (7) ta' April 2022, il-ftehim ġie estiz għal sena oħra.

Is-soċjeta rikorrenti ħallset is-somma komplessiva ta' mija u tnejn u tletin elf, seba' mija u sitta u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (EUR132,756.49).

Illi fil-ħamsa (5) ta' Awwissu 2022, is-soċjeta` rikorrenti giet informata minn rappreżentanta tas-soċjeta` intimata Computools LLC li l-ftehim kien ġie tterminat u li kien sar negozjar ġdid tal-ftehim mas-soċjeta` intimata One Set Plan AB u dan mingħajr ebda pre-avviż jew awtorizazzjoni da parti

tas-soċjeta rikorrenti. Giet mgharrfa ukoll illi minkejja iktar minn sena ta' xogħol li kien sar biex jiġi żviluppat il-programm tal-*computer,* il-pagamenti għal bqija tax-xogħol li kien baqa' kienu issa ser jibdew jsiru mis-soċjeta intimata One Set Plan AB;

Is-socjeta` rikorrenti tikkontendi illi t-terminazzjoni tal-ftehim sar b'mod abbużiv u bi ksur tal-istess ftehim u għalhekk il-ftehim tqis illi kien għadu validu u viġenti bejn il-partijiet, anke ghaliex qatt ma avverew ruhom il-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim (vide klawsola 3) li setghu iwasslu ghat-terminazzjoni tal-ftehim.

Is-soċjeta rikorrenti qed issostni li s-soċjeta` intimata One Set Plan AB qed tagħmel użu mis-*software* tas-socjeta rikorrenti, illi minn dejjem kien identifikat mill-partijiet bl-isem "GoPlany", u tghid illi l-użu tal-programm tal-*computer* da parti tas-soċjeta One Set Plan AB qiegħed jsir biss ġimgħat wara li s-soċjeta` intimata Computools LLC, b'mod abbużiv u in *mala fede* allegatament itterminat il-ftehim kif fuq msemmi.

Illi saħansitra hemm sit elettroniku, ossia: www.goplany.com illi permezz tieghu is-soċjeta intimata One Set Plan AB, tivvanta illi hija l-proprjetarja tal-programm "GoPlany". Inoltre, permezz ta' l-istess sit is-soċjeta` intimata One Set Plan AB qeghda toffri għal bejgħ il-programm tal-*computer* lil terzi persuni. Illi s-soċjeta` intimata One Set Plan AB ħolqot ukoll paġna fuq *youtube* li permezz tagħha qeghda tagħti t-*tutorials* sabiex tkun tista tispjega kif jaħdem il-programm "GoPlany" lill-dawk in-nies li jkunu xtraw l-imsemmi programm.

Is-socjeta` issostni illi s-soċjeta' intimata One Set Plan AB qed tagħmel użu u profitti mill-programm "GoPlany" b'mod abbuziv u bi ksur tad-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali tas-socjeta' rikorrenti, b'mod partikolari l-artikoli 42 u 7 tal-Kap 415 tal-Liġijiet ta' Malta. Tghid illi jirriżulta wkoll li s-soċjeta' intimata Computools LLC qed tippermetti lis-soċjeta' intimata One Set Plan AB li tagħmel użu minn proprjeta` tas-soċjeta` rikorrenti mingħajr ebda awtorizazzjoni jew permess. Għalhekk is-soċjeta intimata Computools LLC ukoll qed tikser id-drittijiet tal-awtur vestiti fis-soċjeta rikorrenti u dan bi ksur tal-artikolu 42 u 7 tal-Kap 415 tal-Liġijiet ta' Malta;

Is-socjeta` rikorrenti qiegħed ssostni illi dan kollu qed joħloq preġudizzju serju u irreparabbli lis-soċjeta` rikorrenti u qed tinvoka l-artiklu 8(1)(a) tal-Kap. 488 sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha.

Issa:

Il-Qorti fliet ukoll is-sub-incizi l-ohra tal-istess Artiklu 8 tal-KAP 488, u tiddikjara illi hija tinsab sodisfatta illi gew sodisfatti ir-rekwiziti necessarji mill-ligi biex hija tilqa' it-talba hawn maghmula. Hekk per ezempju illi bid-dokumenti annessi, il-Qorti hija ragjonevolment sodisfatta, ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, illi s-socjeta` rikorrenti hija d-detentur ta' drittijiet minnha pretizi[1].

Ulterjorment, minn dak mressaq mis-socjeta` rikorrenti, il-Qorti jidhrilha[2] illi kull dewmien f'settur tant delikat u mghaggel bhal ma huwa dan, jista' biss jikkaguna hsara lid-detentur tad-dritt li ma jissewwiex u huwa ghalhekk illi qed tghaddi biex tilqa' t-talba minkejja d-dikjarazzjoni tal-kuraturi fir-risposta taghhom fis-sens illi huma ghad ma ghandhomx konmoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz.

Dan kollu pero` qed jinghad u qed isir bla pregudizzju ghal kwalsiasi dritt iehor illi kwalsiasi parti jista' ghandha ai termini ta' xi sub-inciz iehor tal-artiklu 8 tal-KAP 488, inoltre` kif gja verbalizzat fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2021.

Irid jinghad b'mod car u inekwivoku illi dan ma jfissirx illi din il-Qorti qeghda b'xi mod tesprima ruha fuq il-mertu jew il-pretensjonijiet illi talvolta tista' ghad trid tavvanza is-socjeta` rikorrenti fil-mertu.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa u tal-provvedimenti relatati u hawn fuq diskussi tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Tipprojbixxi lis-soċjetajiet intimati fuq bażi provvizorja u taħt sanzjoni ta' penali raġjonevoli għal kwalunkwe każ ta' ksur ta' tali ordni milli jippersistu b'kwalunkwe att ta' ksur tad-drittijiet ta' propjeta` intelletwali tas-soċjeta rikorrenti fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur tagħha fix-xogħol litterarju, konsistenti fi kwalunkwe użu korrenti fil-kors tal-kummerċ tas-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, tax-xogħol litterarju li qiegħed jiġi distribwit u mibjugħ,**

[1] Sub-inciz 3

[2] Sub-inciz 4

**kollox kif hawn fuq rifless u tordna fil-konfront tas-soċjetajiet intimati, prevenżjoni ta' kwalunkwe ksur ta' l-istess drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta` rikorrenti u dan a tenur tal-artikolu 8(1)(a) u billi ukoll tapplika l-artikolu 8(4) tal-Kap 488 tal-Liġijiet ta' Malta.**

2. **Tawtorizza minn issa lis-socjeta' rikorrenti sabiex tinnotifika lis-soċjetajiet intimata One Set Plan AB, , bl-eventwali digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, permezz ta'** ***courier.***

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri li jkunu a karigu tas-socjetajiet intimati, eskluz id-drittijiet tal-kuraturi deputati li huma a karigu tas-socjeta` rikorrenti.

Digriet Kamerali moghti llum it-Tlieta, 3 ta' Jannar 2023.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
Imhallef

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur